MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 495/2008

**P.J. Sutters (Marketing) Limited (C35984)**

**vs**

**Alfred Vella (I.D. 667661M) u**
**martu Marylouise Vella (I.D. 633762M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u tmienja u tletin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€538.77), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat 1771/08, u dawk ta' l-ittra bonarja datata 10 ta' Gunju, 2008, u bl-imghax kummercjali mid-19 ta' Lulju, 2007, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' hames mija u tmienja u tletin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€538.77), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------